Nru./No. 21,362
Prezz/Price
€4.68

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 17 ta' Diċembru, 2024
Tuesday, 17th December, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 29,739 - 29,822
Government Notices ..... *29,739 - 29,822*

Avviżi tal-Pulizija ..... 29,823 - 29,825
Police Notices ..... *29,823 - 29,825*

Avviżi lill-Baħħara ..... 29,825 - 29,826
Notices to Mariners ..... *29,825 - 29,826*

Avviżi tal-Gvern ..... 29,826 - 29,827
Notices ..... *29,826 - 29,827*

Offerti ..... 29,827 - 29,830
Tenders ..... *29,827 - 29,830*

Avviżi tal-Qorti ..... 29,830 - 29,838
Court Notices ..... *29,830 - 29,838*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1758

PUBBLIKAZZJONI TA' ATTI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Atti li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru XXXVIII tal-2024 imsejjaħ l-Att tal-2024 li jemenda l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud; u

Att Nru XXXIX tal-2024 imsejjaħ l-Att tal-2024 li jemenda l-Att dwar is-Saħħa.

Is-17 ta' Diċembru, 2024

Nru. 1759

MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL

Bord tal-Appelli Dwar l-Immigrazzjoni - Diviżjoni 1

IL-MINISTERU għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol b'din jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi qed issir l-emenda li ġejja fil-kompożizzjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni - Diviżjoni I:

Is-Sur Christian Pace se jieħu post is-Sur Giuseppe Gatt bħala Segretarju tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni - Diviżjoni I.

Is-Sur Giuseppe Gatt se jieħu post Dott. Martha Mifsud bħala Membru tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni - Diviżjoni I.

Dan l-appuntament daħal fis-seħħ fis-26 ta' Novembru, 2024 u se jibqa' validu sal-24 ta' Settembru, 2026.

L-10 ta' Diċembru, 2024

Nru. 1760

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment

GOVERNMENT NOTICES

No. 1758

PUBLICATION OF ACTS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Acts are published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XXXVIII of 2024 entitled the Value Added Tax (Amendment) Act, 2024; and

Act No. XXXIX of 2024 entitled the Health (Amendment) Act, 2024.

17th December, 2024

No. 1759

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS, SECURITY AND EMPLOYMENT

Appointment of Members of the Immigration Appeals Board – Division I

THE Ministry for Home Affairs, Security and Employment hereby notifies for general information that the following amendment is bein made to the composition of the Immigration Appeals Board – Division I:

Mr Christian Pace is to replace Mr Giuseppe Gatt as Secretary of the Immigration Appeals Board – Division I.

Mr Giuseppe Gatt is to replace Dr Martha Mifsud as Member of the Immigration Appeals Board – Division I.

This appointment is with effect from 26th November, 2024 and valid up to 24th September, 2026.

10th December, 2024

No. 1760

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the

mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,358 tasl-10 ta' Diċembru, 2024 (Avviżi Legali 335 sa 340).

A.L. 335 tal-2024: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regolamenti tal-2024 dwar Prodotti Mediċinali Veterinarji.

A.L. 336 tal-2024: Ordinanza dwar id-Drittijiet (Kap. 35); Regolamenti tal-2024 dwar Drittijiet dwar Prodotti Mediċinali Veterinarji u Spiżeriji Veterinarji.

A.L. 337 tal-2024: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regolamenti tal-2024 dwar Spiżerija Veterinarja.

A.L. 338 tal-2024: Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499); Regolamenti tal-2024 dwar l-Applikazzjoni ta' Pedaġġi u Tariffi għall-Utent għal Vetturi.

A.L. 339 tal-2024: Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà ta' Sistemi Elettroniċi għall-Ħlas ta' Taxxi għall-Użu ta' Toroq.

A.L. 340 tal-2024: Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur.

Is-17 ta' Diċembru, 2024

Nru. 1761

ID-DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ) JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

IS-SUR Godwin Warr, Direttur Ġenerali (Kummerċ) daħal lura fuq dmirijietu fit-13 ta' Diċembru, 2024, u l-arranġamenti li hemm referenza għalihom fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1741 tal-10 ta' Diċembru, 2024, huma b'din imħassrin.

Is-17 ta' Diċembru, 2024

Nru. 1762

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili,

Government Gazette No. 21,358 of 10th December, 2024 (Legal Notices 335 to 340).

L.N. 335 of 2024: Veterinary Services Act (Cap. 437); Veterinary Medicinal Products Regulations, 2024.

L.N. 336 of 2024: Fees Ordinance (Cap. 35); Veterinary Medicinal Products and Veterinary Pharmacies (Fees) Regulations, 2024.

L.N. 337 of 2024: Veterinary Services Act (Cap. 437); Veterinary Pharmacy Regulations, 2024

L.N. 338 of 2024: Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499); Application of Tolls and User Charges to Vehicles Regulations, 2024.

L.N. 339 of 2024: Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65); Motor Vehicles (Interoperability of Electronic Road Tolls Systems) (Amendment) Regulations, 2024.

L.N. 340 of 2024: Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368); Registration and Licensing of Motor Vehicles(Amendment) Regulations, 2024.

17th December, 2024

No. 1761

RESUMPTION OF DUTIES OF THE DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

MR Godwin Warr, Director General (Commerce), resumed duties on 13th December, 2024 and the arrangements referred to in the Government Notice No. 1741 of 10th December, 2024 are hereby being cancelled.

17th December, 2024

No. 1762

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and

il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dr Maria Spiteri bħala Nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dr Daniela Vella Borda u dan għall-perjodu bejn it-12 ta' Diċembru, 2024 u t-30 ta' Diċembru, 2024.

Illum, l-Erbgħa, 11 ta' Diċembru, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Maria Spiteri to be Notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Daniela Vella Borda for the period between the 12th December, 2024 and the 30th December, 2024.

Today, Wednesday, 11th December, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1763

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dr Rachael Samantha Muscat bħala Nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dr Sarah Bugeja u dan għall-perjodu bejn l-5 ta' Diċembru, 2024 u t-12 ta' Diċembru, 2024.

Illum, l-Erbgħa, 11 ta' Diċembru, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 1763

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Rachael Samantha Muscat to be Notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Sarah Bugeja for the period between the 5th December, 2024 and the 12th December, 2024.

Today, Wednesday, 11th December, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1764

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dr Graziella Agius Farrugia bħala Nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dr Francesca Portelli u dan għall-perjodu bejn id-19 ta' Diċembru, 2024 u s-6 ta' Jannar, 2025.

Illum, l-Erbgħa, 11 ta' Diċembru, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 1764

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Graziella Agius Farrugia to be Notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Francesca Portelli for the period between the 19th December, 2024 and the 6th January, 2025.

Today, Wednesday, 11th December, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1765

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dr. Marco Burlò bħala Nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dr. Petra Burlò u dan għall-perjodu bejn il-5 ta' Diċembru, 2024 u l-10 ta' Diċembru, 2024.

Illum, l-Erbgħa, 11 ta' Diċembru, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Nru. 1766

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Rikors Numru: 1122/2024

B'DIGRIET tal-5 ta' Diċembru, 2024, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili ordnat il-waqfien b'effett immedjat tal-inabilitazzjoni parzjali tan-Nutar Dottor Nicholas Charles Vella mill-eżerċizzju tal-professjoni nutarili ordnata bid-Digriet Tagħha tas-16 ta' Novembru, 2024, stante li issa jirriżulta li l-istess Nutar Nicholas Charles Vella issa ottempera ruħu mal-Liġi u mal-Ordni ta' din il-Qorti.

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, 5 ta' Diċembru, 2024

Nru. 1767

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Rikors Numru: 1123/2024.

B'DIGRIET tal-5 ta' Diċembru, 2024, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili ordnat il-waqfien b'effett immedjat tal-inabilitazzjoni parzjali tan-Nutar Dottor Maria Roberta

No. 1765

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Marco Burlò to be Notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Petra Burlò for the period between the 5th December, 2024 and the 10th December, 2024.

Today, Wednesday, 11th December, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

No. 1766

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Application Number: 1122/2024

BY a Decree of the 5th December, 2024, the Court of Revision of Notarial Acts ordered the immediate cessation of the partial incapacitation of Notary Dr Nicholas Charles Vella from the exercise of the notarial profession ordered by the Decree of the 16th November, 2024, as it now appears that the same Notary Nicholas Charles Vella has now complied with the Law and the Order of this Court.

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Today, 5th December, 2024

No. 1767

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Application Number: 1123/2024

BY a Decree of the 5th December, 2024, the Court of Revision of Notarial Acts ordered the immediate cessation of the partial incapacitation of Notary Dr Maria Roberta Galea

Galea Mamo mill-eżerċizzju tal-professjoni nutarili ordnata bid-Digriet Tagħha tas-16 ta' Novembru, 2024, stante li issa jirriżulta li l-istess Nutar Dottor Roberta Galea Mamo issa ottemperat ruħha mal-Liġi u mal-Ordni ta' din il-Qorti.

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, 5 ta' Diċembru, 2024

Nru. 1768

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Rikors Numru: 1124/2024

B'DIGRIET tal-5 ta' Diċembru, 2024, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili ordnat il-waqfien b'effett immedjat tal-inabilitazzjoni parzjali tan-Nutar Dottor Robert Micallef mill-eżerċizzju tal-professjoni nutarili ordnata bid-Digriet Tagħha tas-16 ta' Novembru, 2024, stante li issa jirriżulta li l-istess Nutar Dr Robert Micallef issa ottempera ruħu mal-Liġi u mal-Ordni ta' din il-Qorti.

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, 5 ta' Diċembru, 2024

Nru. 1769

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Rikors Numru: 1128/2024

B'DIGRIET tal-10 ta' Diċembru, 2024, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili ordnat il-waqfien b'effett immedjat tal-inabilitazzjoni parzjali tan-Nutar Dottor Justin Fenech mill-eżerċizzju tal-professjoni nutarili ordnata bid-Digriet Tagħha tas-16 ta' Novembru, 2024, stante li issa jirriżulta li l-istess Nutar Dottor Justin Fenech issa ottempera ruħu mal-Liġi u mal-Ordni ta' din il-Qorti.

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, 11 ta' Diċembru, 2024

Mamo from the exercise of the notarial profession ordered by the Decree of the 16th November, 2024, as it now appears that the same Notary Dr Maria Roberta Galea Mamo has now complied with the Law and the Order of this Court.

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Today, 5th December, 2024

No. 1768

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Application Number: 1124/2024

BY a Decree of the 5th December, 2024, the Court of Revision of Notarial Acts ordered the immediate cessation of the partial incapacitation of Notary Dr Robert Micallef from the exercise of the notarial profession ordered by the Decree of the 16th November, 2024, as it now appears that the same Notary Dr Robert Micallef has now complied with the Law and the Order of this Court.

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Today, 5th December, 2024

No. 1769

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Application Number: 1128/2024

BY a Decree of the 10th December, 2024, the Court of Revision of Notarial Acts ordered the immediate cessation of the partial incapacitation of Notary Dr Justin Fenech from the exercise of the notarial profession ordered by the Decree of the 16th November, 2024, as it now appears that the same Notary Dr Justin Fenech has now complied with the Law and the Order of this Court.

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Today, 11th December, 2024

Nru. 1770

ATT DWAR SELF TAL-GVERN U L-AMMINISTRAZZJONI TAD-DEJN PUBBLIKU (KAP. 575)

Avviż ta' Ħruġ ta' Kalendarju

DAN il-kalendarju juri t-tul ta' żmien għal kull bill tat-Teżor li ser jinħareg kull ġimgħa għax-xahar ta' Jannar, 2025 u li huwa ppubblikat mill-Accountant General skont u għall-finijiet ta' regolament 7 tar-Regolamenti dwar il-Bills tat-Teżor ta' Malta tal-2017:

No. 1770

GOVERNMENT BORROWING AND MANAGEMENT OF PUBLIC DEBT ACT (CAP. 575)

Notice of Issuance Calendar

THE following calendar shows the tenor of individual weekly issues of Treasury bills for the month of January, 2025 and is published by the Accountant General in terms of regulation 7 of the Malta Treasury Bills Regulations 2017:

MONDAY	TUESDAY	WEDNESDAY	THURSDAY	FRIDAY
30 Dec TB Tender Date	31 Dec	01 *New Year's Day*	02 TB Issue of 91 days maturing 3 April 2025 and 182 days maturing 3 July 2025	03
06	07 TB Tender Date	08	09 TB Issue of 91 days maturing 10 April 2025 and 182 days maturing 10 July 2025	10
13	14 TB Tender Date	15	16 TB Issue of 91 days maturing 17 April 2025 and 182 days maturing 17 July 2025	17
20	21 TB Tender Date	22	23 TB Issue of 91 days maturing 24 April 2025 and 182 days maturing 24 July 2025	24
27	28 TB Tender Date	29	30 TB Issue of 90 days maturing 30 April 2025 and 182 days maturing 31 July 2025	31

Notes:

Note: TB = Treasury Bills

1. Public Treasury bills auctions are held regularly every week, typically on Tuesdays. Successful bids are settled on the following Thursday on a T+2 settlement cycle.

2. When the auction date, or the settlement date, or any day in between the auction date and the settlement date falls on a non-business day, the auction takes place on the first business day of the same week.

3. Interest (discount) is always calculated on the actual number of days involved.

4. Bids on tender forms which are available from the Treasury, are to reach the Treasury by 10.00 a.m (CET) on the auction date. Such bids may either be transmitted by fax on 25967210, or by e-mail at the e-mail addresses prescribed on the application form.

5. Only offers with a definite yield quoted to three (3) decimal places shall be considered.

6. Bids must be for a minimum of €250,000 nominal i.r.o. the 28 day tenor, and €50,000 nominal for other tenors. Above these minimum amounts, bids must be made in multiples of €1,000.

7. With regard to the tenor, the following days will apply:
1 month = typically 28 days; 3 months = typically 91 days;
6 months = typically 182 days; 9 months = typically 273 days;
12 months = typically 364 days.

8. In the event of pro-rata allocation, the bidder shall accept any portion of the amount tendered, at the same yield as that tendered for the whole amount.

9. The bidders whose tenders are accepted or rejected under the standard auctions will be informed on the same day on which the auction is held.

10. Settlement (T+2) of amount allotted is to be made by not later than 10.00 a.m CET on the date on which the relative Bills are dated. Settlement is to be made by bank transfer to the credit of the public account held with Central Bank of Malta as indicated on the Letter of Acceptance.

11. The Accountant General reserves the right not to allot any Treasury bills on offer without assigning any reason. For further information please refer to the Malta Treasury Bills Regulations and the Malta Treasury Bills General Prospectus at (www.treasury.gov.mt).

17th December, 2024

Nru. 1771

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372), ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Avviż skont: l-Artikolu 29 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap. 372; u Artikolu 73(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-Artikolu 29(1) tal-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u/jew tal-Artikolu 73(2) tal-Att Dwar it-Taxxa tal-Valur Miżjud, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana b'dan javża lill-persuni/kumpaniji msemmija aktar 'l isfel biex imorru l-uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, Verification and Audit Directorate, 7, Triq il-Masġar, Ħal Qormi QRM 3217, fi żmien tletin ġurnata minn dan l-avviż sabiex jiġbru l-avviż/i maħruġa fuqhom.

Isem	*Referenza*
Etienne Galea	46181M
Kannan Muthusamy	664049425 / 143422L
Christopher John Gray	165573A
Sgan Ltd	996911827 C66037
Sercan Garip	24342A / 523616L
DRMV Group Ltd	997221727 C 69034
Lannister Media & Entertainment Ltd	997630532 C 72711
Claudia Calleja	207876M
Alfreh Barchash	9000114A

Is-17 ta' Diċembru, 2024

No. 1771

INCOME TAX MANAGEMENT ACT (CAP. 372), VALUE ADDED TAX ACT (CAP. 406)

Notice in terms of: Article 29 of the Income Tax Management Act, Cap. 372; and Article 73(2) Value Added Tax Act, Cap. 406

IN terms of the proviso to Article 29(1) of the Income Tax Management Act and/or Article 73(2) of the Value Added Tax Act, the Commissioner for Tax and Customs hereby notifies the persons/companies listed hereunder to call at the Verification and Audit Directorate, Office of the Commissioner for Tax and Customs, 7, Triq il-Masġar, Ħal Qormi QRM 3217, within thirty days of this notice to collect the notice/s issued on such persons/companies.

Name	*Reference*
Etienne Galea	46181M
Kannan Muthusamy	664049425 / 143422L
Christopher John Gray	165573A
Sgan Ltd	996911827 C66037
Sercan Garip	24342A / 523616L
DRMV Group Ltd	997221727 C 69034
Lannister Media & Entertainment Ltd	997630532 C 72711
Claudia Calleja	207876M
Alfreh Barchash	9000114A

17th December, 2024

Nru. 1772

UFFIĊĊJU TAL-KAP ARALDU TAL-ARMI TA' MALTA

Regolamenti dwar l-Araldika u l-Ġenealoġija

NGĦARRFU illi bis-saħħa tal-provvediment tal-artiklu 9(2) tar-Regolamenti tal-2021 dwar Araldika u l-Ġenealogija (A.L. 489 tal-2021) (L.S. 445.07), Il-Kap Araldu tal-Armi ta' Malta jgħarraf illi l-persuni msemmija aktar 'l isfel applikaw għall-Konċessjoni/Reġistrazzjoni ta' Armi mill-Uffiċċju tal-Kap Araldu tal-Armi ta' Malta.

Kulħadd jista' jgħarraf lil Kap Araldu tal-Armi ta' Malta sa mhux aktar tard minn wieħed u għoxrin ġurnata (21) wara l-pubblikazzjoni ta' rapreżentazzjonijiet validi u konklużivi favur jew kontra l-applikazzjoni. Dawn ir-rapreżentazzjonijiet għandhom jkunu indirizzati lir-Reġistratur jew bil-miktub jew permezz tal-posta reġistrata lill-Uffiċċju tal-Kap Araldu jew b'mod elettroniku permezz ta' email fuq l-indirizz tal-email (chiefherald@gov.mt).

G0127 Ryan Patrick Pannell (Malta)

Armi: Ikħal fuq Chevron lewn id-Deheb, bejn żewġ fleur-de-lys tat-Tieni Lewn, fiċ-Chief salib Huguenot tal-Ewwel Lewn, u fil-bażi trident imdawwar bi dragun tal-baħar Ciniż kollha tat-Tieni Lewn. Fuq it-tarka kuruna ta' Baruni. L-elmu, li jixraq il-grad tiegħu bid-drappeġġ Ikħal u lewn id-Deheb minn taħt, għandu bħala Kresta, fuq girlanda li għandha l-istess ilwien, ras ta' kelb tal-baħar Abjad ta'lewn Naturali li qed jibla (engoulant) l-elmu Bħala sostenituri, it-tnejn bilwieqfa fuq Kompatament li rappreżenta l-Blata tal-Kanada magħrufa bħala (Canadian Shield) ta' lewn naturali, fuq in-naħa Dexter Għasfur Feniċi Ikħal u Vjola (Purpure) bil-munqar lewn id-Deheb, u fuq in-naħa Sinister delfin Ikħal ċelesti u Griż Irmied wieqaf u b'dembu milwi l-fuq (haurient embowed)

Motto: ITER MEUM SEQUOR

Standard: 120 ċentimetri twil bl-ilwien Ikħal u lewn id-Deheb bl-Armi mal parti tal-Arblu w li jġorr il-motto fuq żewġ linji maqlubin.

Dr Charles A. Gauci
Kap Araldu tal-Armi ta' Malta

Is-17 ta' Diċembru, 2024

No. 1772

OFFICE OF THE CHIEF HERALD OF ARMS OF MALTA

Heraldry and Genealogy Regulations

IN terms of the proviso to article 9(2) of the Heraldry and Genealogy Regulations 2021 (L.N. 489 of 2021) (S.L. 445.07), the Chief Herald of Arms of Malta hereby notifies that the persons listed hereunder have applied for the provision/ registration of heraldic arms from the Office of the Chief Herald of Arms of Malta.

Anyone is to inform the Chief Herald of Arms of Malta by not later than twenty one (21) days after publication of any valid and cogent representations for or against the application. Such representations shall be addressed to the Registrar either in writing by means of registered mail to the Office of the Chief Herald or electronically by means of email to the email address (chiefherald@gov.mt).

G0127 Ryan Patrick Pannell (Malta)

Arms: Azure on a chevron Or, between two fleur-de-lys of the Second, in chief a Huguenot cross of the First and in base a trident entwined with a Chinese sea dragon all of the Second. Upon the shield the coronet of a Baron. The Helm befitting his degree with mantling Azure doubled Or bears for a Crest, on a wreath of the liveries a great white shark's head proper engoulant the helm. For Supporters, both standing upon a compartment representing the Canadian Shield proper, at dexter, a phoenix Azure and Purpure, beaked Or and at sinister, a dolphin Bleu-Céleste and Cendrée haurient embowed.

Motto: ITER MEUM SEQUOR

Standard: 120 cm long of the liveries Azure and Or with the Arms in the hoist, bearing the motto in two lines interchanged .

Dr Charles A. Gauci
Chief Herald of Arms of Malta

17th December, 2024

Nru. 1773

MINISTERU GĦALL-FINANZI

Noti ta' Spjegazzjoni
(għall-fini tal-artikolu 3(2)(ċ) tal-Kap. 512 tal-Liġijiet ta' Malta)

1. Introduzzjoni

Titolu tal-Avviżi Legali	Regolamenti tal-2024 li Jħassru r-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Dikjarazzjoni minn Persuni Eżenti); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Dikjarazzjoni Rikapitolattiva ta' Transazzjonijiet Intra-Komunitarji); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Żmien ta' Taxxa); Regolamenti tal-2024 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud; Regolamenti tal-2024 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru 3); Regolamenti tal-2024 li jemendaw is-Sitt Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud; Regolamenti tal-2024 li jemendaw il-Ħdax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud; Regolamenti tal-2024 li jemendaw it-Tnax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud; Regolamenti tal-2024 li jemendaw it-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud; Regolamenti tal-2024 li jemendaw l-Erbatax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud
Attività li trid tiġi regolata	Taxxa fuq il-Valur Miżjud
Entità responsabbli	Malta Tax and Customs Administration

2. Taqsira u sfond

Fit-18 ta' Frar 2020, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (id-"Direttiva tal-VAT tal-UE") fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni għall-fini tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar. Dawn l-emendi għad-Direttiva tal-VAT tal-UE għandhom japplikaw għall-impriżi żgħar u medji kwalifikanti (l-"SMEs") b'effett mill-1 ta' Jannar 2025. Dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda qed jiġu introdotti f'tentattiv biex jitnaqqsu l-kumplessitajiet, l-ispejjeż tal-konformità u l-piż amministrattiv li bħalissa qed jiffaċċjaw l-SMEs kif ukoll biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ transkonfinali għall-SMEs.

L-emendi għal-leġislazzjoni lokali meħtieġa għat-traspożizzjoni tad-Direttivi/Regolamenti Ewropej rilevanti qed isiru permezz tal-istrumenti li ġejjin:

Regolamenti tal-2024 li Jħassru r-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Dikjarazzjoni minn Persuni Eżenti)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Dikjarazzjoni Rikapitolattiva ta' Transazzjonijiet Intra-Komunitarji)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Żmien ta' Taxxa)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

Regolamenti tal-2024 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru 3)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw is-Sitt Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

Regolamenti tal-2024 li jemendaw il-Ħdax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

Regolamenti tal-2024 li jemendaw it-Tnax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

Regolamenti tal-2024 li jemendaw it-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

Regolamenti tal-2024 li jemendaw l-Erbatax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

Skont ir-regoli attwali tal-UE, l-eżenzjoni rilevanti għall-SMEs tapplika biss fir-rigward ta' provvisti mwettqa fi Stat Membru speċifiku minn persuni stabbiliti f'dak l-Istat Membru. Mill-1 ta' Jannar 2025 l-SMEs stabbiliti fl-UE li mhumiex stabbiliti fl-Istat Membru li fih hija dovuta l-VAT jistgħu jagħmlu użu mill-eżenzjoni msemmija f'dak l-Istat Membru. Madankollu, l-applikazzjoni tal-eżenzjoni tal-SMEs għandha tkun soġġetta għas-sodisfazzjon tal-kundizzjonijiet rilevanti. Persuni stabbiliti barra mill-UE li huma soġġetti għall-VAT fi Stat Membru ma għandhomx ikunu eliġibbli biex japplikaw għal tali eżenzjoni.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrumenti

Dawn l-emendi jikkonsistu f'żewġ settijiet ta' strumenti: (i) Att li jemenda l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta) u (ii) diversi regolamenti li jemendaw numru ta' Skedi li jinsabu mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Att dwar il-VAT) u Leġiżlazzjoni Sussidjarja, jiġifieri:

1. Regolamenti tal-2024 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud
2. Regolamenti tal-2024 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru 3)
3. Regolamenti tal-2024 li jemendaw is-Sitt Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud
4. Regolamenti tal-2024 li jemendaw il-Ħdax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud
5. Regolamenti tal-2024 li jemendaw it-Tnax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud
6. Regolamenti tal-2024 li jemendaw it-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud
7. Regolamenti tal-2024 li jemendaw l-Erbatax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud
8. Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Żmien ta' Taxxa)
9. Regolamenti tal-2024 li Jħassru r-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Dikjarazzjoni minn Persuni Eżenti)
10. Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Dikjarazzjoni Rikapitolattiva ta' Transazzjonijiet Intra-Komunitarji)

4. Kummentarju

Il-bidliet prinċipali li ġab miegħu l-Att emendatorju u r-regolamenti huma kif ġej:

L-artikolu 6 tal-Att emendatorju li jemenda l-artikolu 11 tal-Att dwar il-VAT

L-artikolu 6 tal-Att emendatorju jikkonsisti f'għaxar subartikoli li effettivament jissostitwixxu l-artikolu 11 attwali tal-Att dwar il-VAT. Dan l-artikolu jistabbilixxi l-iskema speċjali għal impriżi żgħar għall-provvisti magħmula f'Malta.

L-artikolu 7 tal-Att emendatorju li jżid l-artikoli 11A u 11B fl-Att dwar il-VAT

L-artikolu 7 tal-Att emendatorju jintroduċi żewġ artikoli ġodda: l-artikolu 11A u l-artikolu 11B. L-artikolu 11A jikkonsisti f'ħames subartikoli u jistabbilixxi l-iskema speċjali għal impriżi żgħar fir-rigward ta' provvisti magħmula fi Stati Membri oħra filwaqt li l-artikolu 11B jinkludi 4 subartikoliu jistabbilixxi l-iskema speċjali għal impriżi żgħar li hija rilevanti għal persuni mhux stabbiliti f'Malta.

Regolamenti tal-2024 dwar l-Att dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud (Emenda tas-Sitt Skeda)

Dawn ir-regolamenti jikkonsisti f'2 regolamenti:

L-ewwel regolament huwa introduttorju u jistabbilixxi t-titolu u l-għan tar-Regolamenti kif ukoll id-data tad-dħul fis-seħħ (jiġifieri l-1 ta' Jannar 2025);

It-tieni regolament huwa maqsum f'erba' subparagrafi:

is-subparagrafu (a) li jissostitwixxi t-titolu tas-Sitt Skeda u jinkludi taqsima ġdida li tinkludi fiha diversi tifisiriet;

is-subparagrafu (b) li effettivament jissostitwixxi Taqsima Wieħed attwali tas-Sitt Skeda tal-Att dwar il-VAT u jistabbilixxi l-iskema speċjali għal impriżi żgħar għal provvisti magħmula f'Malta minn persuni stabbiliti f'Malta [artikolu 11];

is-subparagrafu (ċ) li effettivament jissostitwixxi Taqsima Tnejn attwali tas-Sitt Skeda tal-Att dwar il-VAT u jistabbilixxi l-iskema speċjali għal impriżi żgħar għal provvisti magħmula fi Stati Membri oħra minn persuni stabbiliti f'Malta [artikolu 11A]; u

is-subparagrafu (d) li effettivament jintroduċi parti ġdida, it-Taqsima Tlieta, li tistabbilixxi l-iskema speċjali għal impriżi żgħar għal provvisti magħmula ġewwa Malta minn persuni stabbiliti fi Stati Membri oħra [artikolu 11B].

Artikolu 11

Fir-rigward tal-artikolu 11, il-bidliet ewlenin li joħorġu mill-Att emendatorju u r-regolamenti huma kif ġej:

1. Skont id-dispożizzjonijiet il-ġodda, persuna tikkwalifika bħala impriża zgħira u għalhekk tkun eliġibbli għar-reġistrazzjoni skont l-artikolu 11 jekk il-fatturat annwali Domestiku tagħha (jiġifieri l-fatturat annwali totali minn provvisti ta' oġġetti u servizzi, eskluża l-VAT, magħmul minn persuna taxxabbli li jseħħ f' Malta, skont ir-regoli tal-post tal-provvista tal-VAT, matul sena kalendarja) ma jaqbiżx it-threshold Domestiku - jiġifieri €35,000.

2. Fir-rigward ta' persuni rreġistrati jew li japplikaw biex jiġu rreġistrati skont l-Artikolu 11, sabiex jiġi stabbilit jekk it-threshold tal-fatturat jinqabiżx jew xort'oħra, għandhom jitqiesu:

a. il-valur tal-bejgħ tal-persuna reġistrata jew li tapplika sabiex tiġi reġistrata; u
b. fil-każ ta' persuni għajr persuni fiżiċi, il-fatturat proporzjonat ta' kwalunkwe persuni relatati.


Persuna (inkluża persuna fiżika) għandha titqies li tkun relatata ma' persuna reġistrata jew li tapplika sabiex tiġi reġistrata taħt l-artikolu 11 meta l-persuna tal-aħħar tkun il-propretarja jew ikkontrollata, direttament jew indirettament, dwar aktar minn għaxra fil-mija (10%) mill-persuna ta' qabel, jew kif jista' jiġi preskritt mill-Kummissarju.

Sabiex jintwera kif jiġi kkalkulat il-fatturat għal persuna, għajr persuna fiżika, li tkun applikat sabiex tiġi rreġistrata skont l-artikolu 11 li jkollha persuni relatati, ikkunsidra l-eżempji li ġejjin:

Eżempju A

Mill-1 ta' Jannar 2025, is-Sur A u s-Sur B, it-tnejn debitament irreġistrati għall-finijiet tal-VAT skont l-Artikolu 11, jiffurmaw partnership (hawn aktar 'il quddiem "Partnership AB") li qiegħda tapplika wkoll għar-reġistrazzjoni tal-VAT skont l-artikolu 11. Is-Sur A u s-Sur B għandhom interessi indaqs (50%) fil-partnership. Il-fatturat rilevanti għas-sena kalendarja 2024 huwa kif ġej:

Mr A: €15,000
Mr B: €10,000
Partnership AB: €0 (għadu ma bediex jopera)



Sabiex jiġi ddeterminat jekk Partnership AB tikkwalifikax bħala impriża żgħira u għalhekk hijiex eliġibbli sabiex tirreġistra għall-finijiet tal-VAT taħt l-artikolu 11, iridu jitqiesu kemm ta' dħul mill-bejgħ tal-partnership kif ukoll dak tal-persuni relatati magħha (jiġifieri s-Sur A u s-Sur B). Għalhekk il-kalkolu għandha tkun kif ġej:

Fatturat annwali *Domestiku* matul is-sena kalendarja preċedenti (2024) – *Partnership AB*	€0
+ fatturat ta' persuni relatati:	
Is-Sur A:	
50% * €15,000	€7,500
Is-Sur B:	
50% * €10,000	€5,000
FATTURAT TOTALI	**€12,500**

Għalhekk, il-Partnership AB bħalissa hija eliġibbli għar-reġistrazzjoni skont l-artikolu 11. Madankollu, fil-każ li, matul is-sena 2025, id-dħul mill-bejgħ ta' Partnership AB flimkien mad-dħul mill-bejgħ tas-Sur A u s-Sur B jaqbeż il - €35,000 fi kwalunkwe mument matul is-sena, Partnership AB ma tibqax tikkwalifika bħala impriża żgħira u għalhekk ikollha l-obbligu li tittrasferixxi għal reġistrazzjoni tal-VAT skont l-artikolu 10.

Eżempju B


F'Jannar 2021, il-Kumpanija C u s-Sur D iffurmaw partnership (minn hawn' il quddiem "Partnership CD") li bħalissa hija rreġistrata għall-finijiet tal-VAT skont l-artikolu 10 (effettiva mill-1 ta' Frar 2021). Is-sħab jixtiequ jaqilbu minn reġistrazzjoni skont l-artikolu 10 għal reġistrazzjoni skont l-artikolu 11 mill-1 ta' Marzu 2025.

Sabiex jiġi ddeterminat jekk il-Partnership CD jikkwalifikax bħala impriża żgħira u għalhekk huwa eliġibbli biex jaqleb għal reġistrazzjoni skont l-artikolu 11, iridu jiġu kkunsidrati l-punti li ġejjin:

Il-kumpannija C u D għandhom interess ugwali (50%) fil-partnership;
C (60%) u ibnu E (40%) huma l-propretarji ta' Kumpanija C;
Is-Sur C, is-Sur D u l-Kumpanija C huma kollha debitament irreġistrati għall-finijiet tal-VAT skont l-artikolu 10 filwaqt li s-Sur E ma huwiex irreġistrat għall-finijiet tal-VAT;

Il-fatturat rilevanti għas-sena kalendarja 2024 huwa kif ġej:

Mr C: €2,000
Mr D: €12,000
Kumpanija C: €15,000
Partnership CD: €10,000



Kalkolu:

Fatturat annwali *Domestiku* matul is-sena kalendarja preċedenti (2024) – CD ta' *Partnership*	€10,000
+ fatturat ta' persuni relatati:	
Kumpanija C:	
50% * €15,000	€7,500
Is-Sur D:	
50% * €12,000	€6,000
Is-Sur C:	
60% * €2,000	€1,200
FATTURAT TOTALI	**€24,700**

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, bħalissa huwa possibbli li l-Partnership CD jaqleb għal reġistrazzjoni tal-VAT skont l-artikolu 11. Madankollu, f'każ ta' bidla bħal din, jekk il-fatturat tal-Partnership CD matul l-2025 ikun ta' EUR 35,000 fi kwalunkwe punt matul is-sena, il-Partnership CD ma tibqax tikkwalifika bħala impriża żgħira u għalhekk ikollha l-obbligu li tittrasferixxi għal reġistrazzjoni tal-VAT skont l-artikolu 10.

3. Għall-fini sabiex jiġi determinat il-"fatturat" kemm tal-applikant jewreġistrant skont l-artikolu 11 kif ukoll tal-persuni relatati, għandu jitqies il-valur tal-provvisti li ġejjin, mingħajr VAT:

a. il-valur ta' kwalunkwe provvista ta' oġġetti u servizzi li kienet tiġi intaxxata jekk tiġi fornuta minn persuna rreġistrata skont l-artikolu 10;

b. il-valur ta' kwlaunkwe transazzjoni li tkun eżenti bi kreditu skont il-partiti li ġejjin tat-Taqsima Wieħed tal-Ħames Skeda:

i. il-partita 1 li għandha x'taqsam ma' esportazzjonijiet u transazzjonijiet simili;
ii. il-partita 3 li għandu x'jaqsam mal-provvisti intra-Komunitarji;
iii. il-partita 5 li għandha x'taqsam mal-provvista ta' servizzi minn sensara jew intermedjarji oħra;
iv. il-partita 6 li għandu x'jaqsam mal-bastimenti li jbaħħru;
v. il-partita 7 li għandha x'taqsam ma' inġenji tal-ajru; u
vi. il-partita 8 (1) dwar il-provvista ta' deheb lill-Bank Ċentrali ta' Malta.

c. il-valur ta' transazzjonijiet immobbli, transazzjonijiet finanzjarji (eżenti mingħajr kreditu) imsemmija fil-partita 3 tat-Taqsima Tnejn tal-Ħames Skeda (li jikkonsistu f' servizzi ta' kreditu, bankarji u servizzi oħra) u servizzi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni (eżenti mingħajr kreditu) (sakemm ma jkunux ittrattati bħala "tranżazzjonijiet anċillari" għall-finijiet tal-VAT).

F'dan ir-rigward, huwa partikolarment rilevanti li wieħed jinnota li:

billi, sal-lum, il-provvisti eżenti mingħajr kreditu kollha huma esklużi għall-fini sabiex jiġi determinat il-fatturat għal tali finijiet, mill-1 ta' Jannar 2025, ċerti provvisti eżenti mingħajr kreditu (kif innutat hawn fuq) ikun jeħtieġ li jitqiesu;

ir-rikavat iġġenerat minn ċessjonijiet ta' assi kapitali tanġibbli jew intanġibbli (inkluż il-bejgħ ta' beni immobbli, sa fejn tali beni jikklassifikaw bħala assi kapitali (aktar milli kummerċjali)) ma għandux jitqies għall-finijiet tal-kalkolu tal-fatturat.

4. Mill-1 ta' Jannar 2025, ir-reġistrazzjoni skont l-artikolu 11 għandha tidħol fis-seħħ:

mid-data li fiha l-Kummissarju jirċievi l-applikazzjoni rilevanti; jew
mid-data tal-bidu tal-attività ekonomika, skont liema tiġi l-aħħar.

Għalhekk mhuwiex possibbli li tali reġistrazzjonijiet jiġu aġġornati.

5. Id-dikjarazzjonijiet, tipikament li jkopru perjodu ta' tnax (12)-il xahar (jiġifieri minn Jannar sa Diċembru ta' sena kalendarja partikolari), huma meħtieġa li jiġu ppreżentati elettronikament. Madankollu, il-persuni rreġistrati jistgħu jagħżlu perjodu ta' rappurtar iqsar. L-iskadenza għas-sottomissjoni ta' tali dikjarazzjonijiet hija l-15 ta' Frar tas-sena ta' wara.

6. Fejn persuna diġa reġistrata taħt l-artikolu 10 tkun tixtieq tibdel ir-reġistrazzjoni tagħha minn reġistrazzjoni taħt l-artikolu 10 għal reġistrazzjoni taħt l-artikolu 11, dik il-persuna ma tkunx f'pożizzjoni li tagħmel dan matul l-ewwel tnax (12)-il xahar

kalendarji sħaħ mid-data tar-reġistrazzjoni taħt l-artikolu 10 tagħha. Madankollu, il-Kummissarju jista' jaċċetta li jibdel reġistrazzjoni ta' kontribwenti minn artikolu 10 għal artikolu 11 jekk:

a) ikun sodisfatt li dik il-persuna tikkwalifika bħala impriża zgħira; u

b) dik il-persuna ma tkunx talbet il-VAT tal-input imħallsa fuq ix-xiri tagħha matul ir-reġistrazzjoni tagħha skont l-artikolu 10.

7. Fejn persuna reġistrata taħt l-artikolu 11 ma tibqax teżerċita attività ekonomika, dik il-persuna jkollha l-obbligu li tapplika għat-tħassir tan-numru tal-VAT tal-artikolu 11 tagħha fi żmien ħmistax (15)-il jum mill-waqfien.

8. Persuna rreġistrata skont l-artikolu 11 li ma tibqax tikkwalifika bħala impriża żgħira jkollha l-obbligu li tapplika għall-kanċellazzjoni tan-numru tal-VAT tal-artikolu 11 tagħha u taqleb għal reġistrazzjoni skont l-artikolu 10 fi żmien 15-il jum (minflok 30 jum skont ir-regoli attwali) mid-data li fiha l-attivitajiet ekonomiċi ta' dik il-persuna ma jibqgħux jikkwalifikaw bħala impriża żgħira. Tali kanċellazzjoni għandha tidħol fis-seħħ mill-ewwel jum tax-xahar kalendarju wara d-data li fiha dik il-persuna ma tibqax tikkwalifika bħala impriża żgħira.

9. Meta persuna taxxabbli, fi kwalunkwe ħin, tapplika sabiex tikkanċella r-reġistrazzjoni tagħha skont l-Artikolu 11, tali kanċellazzjoni għandha tidħol fis-seħħ mill-ewwel jum tax-xahar kalendarju ta' wara.

10. Meta l-Kummissarju jkollu raġuni sabiex jemmen li l-persuna taxxabbli ma għadhiex tikkwalifika bħala impriża zgħira, il-Kummissarju għandu jħassar tali reġistrazzjoni b' effett mid-data li l-persuna taxxabbli ma tibqax tikkwalifika bħala impriża żgħira, kif determinat mill-Kummissarju.

11. Għall-finijiet ta' kompletezza u sabiex jiġi evitat id-dubju, is-subpartita 10 għandha tispeċifika li persuni reġistrati taħt l-artikolu 11 għandhom ukoll ikunu meħtieġa jirreġistraw taħt l-artikolu 12 jekk:

a. jagħmel akkwisti intra-Komunitarji ta' oġġetti jew jirċievi servizzi minn fornituri stabbiliti barra minn Malta li għalihom huwa obbligat li jħallas il-VAT; u
b. il-forniment ta' servizzi fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li għalihom il-VAT hija pagabbli biss mir-riċevitur.

Reġistrazzjonijiet taħt l-artikolu 11A

Din it-tip ġdida ta' reġistrazzjoni tal-VAT hija rilevanti għal impriżi żgħar stabbiliti f'Malta fir-rigward ta' provvisti magħmula fi Stati Membri oħra.

Negozji Maltin li jikkwalifikaw bħala impriża żgħira u li jwettqu provvisti li jseħħu fi Stat Membru ieħor skont ir-regoli tal-VAT tal-UE, jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom relatati mal-VAT f'tali Stat Membru billi jirreġistraw għall-finijiet tal-VAT f'Malta skont l-artikolu 11A l-ġdid u jikkonformaw mal-obbligi korrispondenti. B'riżultat ta' dan, impriżi żgħar jevitaw l-obbligi barranin rilevanti ta' reġistrazzjoni u ta' osservanza tal-VAT.

Persuna taxxabbli tipikament tikkwalifika għar-reġistrazzjoni taħt l-artikolu 11A meta, fiż-żmien tal-applikazzjoni:

1. il-fatturat annwali tal-Unjoni tagħha (jiġifieri l-fatturat annwali totali miksub minn persuna taxxabbli matul sena kalendarja minn provvisti ta' oġġetti u servizzi li jseħħu fit-territorju Komunitarju, eskluża l-VAT) matul is-sena kalendarja preċedenti jkun inqas mit-threshold tal-Unjoni (jiġifieri €100,000); u

2. iwettaq provvisti fi Stat Membru li fih mhuwiex stabbilit u fejn huwa eliġibbli jirreġistra għall-iskema speċjali (UE) applikabbli għall-impriżi ż-żgħar u l-valur ta' tali provvisti matul is-sena preċedenti (jew is-sentejn (2) preċedenti, skont il-każ) ma jaqbiżx it-threshold rilevanti għall-impriżi ż-żgħar f'dak l-Istat Membru;

Sabiex wieħed japplika għar-reġistrazzjoni tal-VAT f'Malta skont l-artikolu 11A, applikazzjoni għandha tiġi sottomessa b'mod elettroniku, permezz tal-web portal tal-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana f'Malta (l-"MTCA"). F'din l-applikazzjoni, l-applikant għandu jispeċifika, b'mod partikolari:

- l-Istat Membru li fih ikun beħsiebu juża l-iskema speċjali (eżenzjoni) rilevanti għall-impriżi ż-żgħar;
- il-fatturat minn provvisti ta' oġġetti u, jew servizzi mwettqa f'Malta u fi Stat Membru ieħor matul is-sena preċedenti; u
- il-fatturat minn provvisti ta' oġġetti u, jew servizzi mwettqa f'Malta u fi Stat Membru ieħor matul is-sena ta' reġistrazzjoni.

Tali reġistrazzjoni għandha tidħol fis-seħħ biss mid-data notifikata mill-Kummissarju lill-persuna taxxabbli.

Taħt reġistrazzjoni taħt l-artikolu 11A, persuna rreġistrata jkollha l-obbligi li ġejjin, b'mod partikolari:

li tinforma lill-MTCA dwar kwalunkwe bidla fl-informazzjoni pprovduta mar-reġistrazzjoni, inkluża d-deċiżjoni li:

jagħmel użu mill-iskema fi Stat Membru differenti minn dawk inkluži fl-applikazzjoni inizjali; u
tieqaf tapplika l-iskema fi Stat Membru fejn ma tkunx stabbilita.

li jissottometti dikjarazzjonijiet għal kull trimestru kalendarju, sa mhux aktar tard mill-aħħar jum tax-xahar wara t-tmiem tat-trimestru kalendarju rispettiv, kif ġej:

Trimestru kalendarju	**Skadenza għas-sottomissjoni**
Minn Jannar sa Marzu	30 ta' April
April sa Ġunju	31 ta' Lulju
Lulju sa Settembru	31 ta' Ottubru
Minn Ottubru sa Diċembru	31 ta' Jannar

li jinforma lill-Kummissarju fi żmien ħmistax (15)-il jum tax-xogħol mid-data meta jinqabeż it-threshold tal-fatturat annwali tal-Unjoni u li jippreżenta dikjarazzjoni li tkopri l-provvisti magħmula mill-bidu tat-trimestru kalendarju rilevanti sad-data meta jinqabeż it-threshold tal-fatturat annwali tal-Unjoni msemmi;

li jaġġorna jew jikkanċella r-reġistrazzjoni tiegħu fi żmien ħmistax (15)-il jum tax-xogħol mid-data li fiha ma jibqax eliġibbli biex juża l-eżenzjoni rilevanti għall-impriżi ż-żgħar.

Reġistrazzjonijiet taħt l-artikolu 11B

Ir-reġistrazzjoni tal-artikolu 11B hija tip ġdid ieħor ta' reġistrazzjoni tal-VAT rilevanti għal impriżi żgħar stabbiliti fi Stat Membru ieħor fir-rigward ta' provvisti magħmula f'Malta.

Effettivament, persuna stabbilita fi Stat Membru ieħor għandha titqies li tkun applikat sabiex tirreġistra skont dan l-artikolu 11B ġdid tal-Att dwar il-VAT ladarba l-Kummissarju jiġi notifikat mill-Istat Membru ta' stabbiliment rilevanti bl-intenzjoni tal-kontribwenti li jagħmlu użu mill-eżenzjoni tal-impriżi ż-żgħar.

Tali reġistrazzjoni tista' tiġi approvata mill-Kummissarju meta l-persuna tikkwalifika bħala impriża żgħira u għalhekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. il-fatturat annwali tal-Unjoni tiegħu matul is-sena kalendarja preċedenti jkun inqas mil-livell threshold tal-Unjoni (jiġifieri €100,000); u

2. il-fatturat annwali Domestiku matul is-sena kalendarja preċedenti ma jaqbiżx it-threshold tal-fatturat Domestiku (jiġifieri €35,000).

Tali reġistrazzjoni għandha titqies li tkun effettiva biss mid-data li fiha l-Kummissarju jinnotifika lill-Istat Membru ta' stabbiliment bl-approvazzjoni tiegħu sabiex jirreġistra lil dik il-persuna taħt dan l-artikolu 11B. Tali notifika trid tinħareġ fi żmien 15-il jum tax-xogħol wara li tasal l-informazzjoni kollha meħtieġa.

Bidliet oħra

Regolamenti tal-2024 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

Din l-Iskeda ġiet aġġornata sabiex tittrasponi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/542 tal-5 ta' April 2022 li temenda d-Direttivi 2006/112/KE u (UE) 2020/285 fir-rigward tar-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud, b'mod partikolari l-bidliet fl-Artikoli 53, 54 u 59a tad-Direttiva tal-VAT. Din l-Iskeda ġiet aġġornata wkoll b'tibdil kożmetiku, prinċipalment bidla fid-dispożizzjonijiet relatati mat-threshold tal-akkwisti li qabel kienu inklużi taħt is-Sitt Skeda li tinsab mal-Att dwar il-VAT.

Regolamenti tal-2024 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru 3)

Din l-Iskeda ġiet aġġornata sabiex tinkludi l-eżenzjoni mingħajr kreditu għal provvisti magħmula waqt li jkunu reġistrati taħt l-artikoli 11, 11A u 11B.

Regolamenti tal-2024 li jemendaw is-Sitt Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

Kif spjegat aktar 'il fuq.

Regolamenti tal-2024 li jemendaw il-Ħdax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

Din l-Iskeda ġiet aġġornata sabiex tispeċifika r-rekwiżiti taż-żamma ta' dokumentazzjoni ta' persuni reġistrati taħt l-artikoli 11 u 11A.

Regolamenti tal-2024 li jemendaw it-Tnax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

Din l-Iskeda ġiet aġġornata sabiex taħseb għall-aġġornament b'referenza għal fatturi simplifikati għall-eżenzjoni għall-SMEs introdotta fil-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar il-VAT.

Regolamenti tal-2024 li jemendaw it-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

Din l-Iskeda ġiet aġġornata sabiex taħseb għall-aġġornament tar-referenza għall-eżenzjoni għall-SMEs introdotta fil-Ħames Skeda.

Regolamenti tal-2024 li jemendaw l-Erbatax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

Din l-Iskeda ġiet aġġornata sabiex tikkonsolida r-regoli li għandhom x'jaqsmu mal-iskemi ta' cash accounting li bħalissa jinsabu taħt it-Taqsima 1 u 3 ta' dik l-Iskeda f'Taqsima 1 li għandha regoli konsistenti li bħalissa huma applikabbli għall-iskema ta' cash accounting taħt it-Taqsima 1.

Barra minn hekk, saru kjarifiki għall-kliem li għandhom jintużaw fuq il-fatturi fejn jiġu applikati d-dispożizzjonijiet dwar it-taxxa fil-periklu.

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Żmien ta' Taxxa)

Dawn ir-regolamenti ġew emendati sabiex jaġġornaw ir-referenzi rispettivi għas-Sitt Skeda kif ukoll sabiex jipprovdu lill-Kummissarju bil-flessibbiltà li japplika perjodi ta' taxxa ta' 12-il xahar u xahar fejn meħtieġ.

Regolamenti tal-2024 li Jħassru r-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Dikjarazzjoni minn Persuni Eżenti)

Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ġew inklużi fid-dispożizzjonijiet rilevanti fis-Sitt Skeda, għalhekk dawn ir-regolamenti m'għadhomx meħtieġa aktar.

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Dikjarazzjoni Rikapitolattiva ta' Transazzjonijiet Intra-Komunitarji)

Dawn ir-regolamenti ġew emendati sabiex jaġġornaw ir-referenzi rispettivi għad-diversi dispożizzjonijiet tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud li ġew emendati permezz tal-Att emendatorju.

5. Sezzjonijiet konklużivi

